MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2019

Rikors Maħluf Numru 1070/2016 LM

**Vincenzo Micallef (K.I. numru 994048M)**

***vs.***

**Leonardo Balzan (K.I. numru 628058M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Novembru, 2016 mill-attur **Vincenzo Micallef** (K.I. 994048M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar l-24 ta' Lulju, 2013 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu waqt li huwa kien ġewwa l-impjant Polidano Bros li jinsab fil-limiti ta' Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi huwa safa vittma ta' aggressjoni fiżika, illegali, inġusta u vjolenti fuq il-persuna*

*tiegħu konsegwenza ta' liema huwa ġarrab ġrieħi ta' natura gravi u permanenti kif ġie debitament iċċertifikat;*

2. *Illi minn investigazzjoni l-aggressur tal-esponent kien l-intimat Leonardo Balzan;*

3. *Illi ta' dan l-inċident kien unikament responsabbli l-intimat;*

4. *Illi għalhekk l-esponent sofra danni minħabba l-aġir abbużiv u illegali tal-intimat konsistenti fi ġrieħi li sofra l-esponent fl-inċident de quo li jikkostitwixxu diżabilità permanenti fis-saħħa u l-funzjoni tal-ġisem tiegħu hekk kif ġie stabbilit mit-tobba kuranti tiegħu kif ukoll danni ta' natura damnum emergens;*

5. *Illi minkejja illi l-intimat ġie debitament interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-eventwali ħlas tad-danni sofferti mill-esponent bħala konsegwenza tal-aġir tiegħu, dan baqa' inadempjenti u għalhekk kellha tiġi proposta din it-talba.*

*Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi għall-inċident li seħħ nhar l-24 ta' Lulju 2013 ġewwa l-impjant Polidano Bros li jinsab fil-limiti ta' Ħal Farruġ fejn l-esponent ġie aggredit vjolentement mill-intimat, kien unikament responsabbli l-istess intimat;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident, ir-rikorrenti Vincenzo Micallef sofra danni konsistenti f'diżabilità permanenti fuq il-persuna tiegħu u danni ta' natura damnum emergens;*

3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent bħala konsegwenza tal-imsemmi inċident u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 2262/15 datata 22 ta' Ġunju 2015 kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Leonardo Balzan** (K.I. numru 628058M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Jannar, 2017 u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*Illi fl-ewwel lok, it-talbiet kif dedotti għandhom jiġu miċħuda, bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi preliminarjament, kwalunkwe danni illi seta' sofra r-rikorrenti attur, ma ġewx ikkawżati konsegwenza ta' xi aġir tal-intimat, u dan kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, u senjatament mis-smigħ tal-provi prodotti;*

2. *Illi għalhekk l-intimat ma għandu jirrispondi għal ebda danni;*

3. *Illi konsegwentement ma hemmx danni x'jiġu likwidati;*

4. *Illi jiġi sottomess ulterjorment, u kjarifikat illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, id-danni pretiżi mir-rikorrenti qed jiġu kkontestati;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur isostni li sofra debilità permanenti wara inċident fl-impjant ta' Polidano Brothers Limited, fejn kien impjegat fuq bażi *part-time,* meta l-konvenut allegatament tah daqqa b'idu fil-parti ta' wara ta' rasu, bir-riżultat li l-attur

għamel tul ta' żmien rikoverat l-Isptar, u għadu jsofri minn debilità permanenti kif iċċertifikaw it-tobba u l-esperti mediċi li eżaminawh.

Min-naħa tiegħu l-konvenut ċaħad li hu b'xi mod responsabbli għad-danni sofferti mill-attur.

**Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-rikors promutur l-attur esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident mertu tal-kawża odjerna[1], kopji tal-FS3 forms għas-snin 2011 sa 2013 meta l-attur waqaf mill-impjieg ma' Polidano Brothers Limited[2], u kopja ta' *neuropsychological assessment report* dwar l-attur[3] imħejji minn **Dr Kristina Vella**, liema rapport sar wara li l-attur sofra trawma f'moħħu konsegwenza tal-imsemmi inċident, fejn ġie stabbilit illi:

> *"The results of the assessment indicated that Mr. Micallef had an RBANS Total Score that indicates overall neurocognitive status below the 4th percentile for his age group, which is strongly indicative of an acquired impairment. His most prominent deficit areas were delayed memory and attention. He had difficulty in elements of immediate memory. These related to impaired working memory, particularly for tasks that have a higher cognitive loading."*

Il-konklużjoni ta' Dr Vella wara li eżaminat lill-attur għadd ta' drabi kienet li dan sofra diżabilità permanenti ta' 70% konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

[1] *A fol.* 8 tal-proċess.
[2] *A fol.* 11 tal-proċess.
[3] *A fol.* 16 tal-proċess.

L-attur esebixxa wkoll kopja tal-*case summary* maħruġ mill-Isptar Mater Dei wara li l-attur kien iddaħħal l-Isptar wara li seħħ l-inċident, fejn dam rikoverat għadd ta' ġimgħat, tant li ġie rilaxxjat fit-2 ta' Settembru, 2013.[4] Ġew esebiti wkoll għadd ta' rċevuti b'rabta mal-ispejjeż li l-attur ħtieġlu jagħmel konsegwenza diretta tal-inċident.[5]

L-attur fl-*affidavit* tiegħu[6] xehed li fl-24 ta' Lulju, 2013 huwa daħal għax-xogħol ġewwa l-*hangar* tal-kumpannija Polidano Brothers Limited f'Ħal Farruġ, u mill-ewwel mar fuq it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni DBH 987 sabiex jiċċekkjah għaż-żejt u għall-ilma. Qal li hu u dieħel lemaħ lill-konvenut ma' persuna oħra, mal-bieba tax-xufier tat-trakk. Qal li sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ, kien fetaħ il-gabina tat-trakk biex fiha jpoġġi xi affarijiet li kellu f'idejh, u biex jagħmel hekk ġibed minn wara tat-trakk lejn in-naħa tax-xufier. Kulma jiftakar minn dak li ġara hu li xi ħadd donnu għamillu 'bomba', u huwa kien ġie f'sensih madwar tliet ġimgħat wara meta ħareġ mit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar. L-attur qal li l-konsulent li rah fl-Isptar kien qallu li l-ħsara li kien sofra kienet kompatibbli ma' daqqa li l-attur qala' fil-kozz t'għonqu b'oġġett iebes. L-attur qal li hu ġie rilaxxjat mill-Isptar fit-2 ta' Settembru, 2013, u li minn dak iż-żmien il-kundizzjoni ta' saħħtu baqgħet affettwata, tant li jieħu trattament mediku kuljum, filwaqt li għadu jsofri minn letarġija li qiegħda tinkapaċitah milli jkompli jagħmel l-affarijiet li hu kien imdorri jagħmel qabel l-inċident.

---

[4] *A fol.* 28 tal-proċess.
[5] *A fol.* 32 *et seq.* tal-proċes.
[6] *A fol.* 53 tal-proċess.

Xehdet ukoll il-mara tal-attur **Rose Micallef** permezz ta' *affidavit*[7], li qalet li dakinhar tal-inċident inkwistjoni hi kienet qiegħda d-dar meta rċeviet telefonata mingħand binha li infurmaha li missieru kellu inċident fuq il-post tax-xogħol. Qalet li żewġha kellu jqatta' madwar sitt ġimgħat rikoverat l-Isptar, u wara li ġie rilaxxjat kellu jqatta' ħin twil fis-sodda. Qalet li hi mill-ewwel indunat li żewġha kien inbidel ħafna fil-karattru tiegħu, tant li kien qiegħed jinsa ħafna, ingħalaq fih innifsu, u ġew ġranet li fihom ma riedx iqum mis-sodda, lanqas biex jiekol. Qalet li hi fittxet għajnuna speċjalizzata, tant li ġie riferuta għand Dr Kristina Vella, li hi speċjalizzata fin-neuroloġija. Ix-xhud qalet li wara l-inċident il-ħajja tagħha u tal-familja tagħha nbidlet kompletament, u kuntrarjament għas-sitwazzjoni ta' qabel, fejn lil żewġha kienet issibu ta' għajnuna f'kollox, illum il-ġurnata r-raġel tagħha sar qisu persuna oħra, li jfittex li jqatta' ħinijiet twal ta' solitudni u 'malinkonija'.

Fl-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2017 xehed **Lawrence Bugeja**, rappreżentant tal-Isptar Mater Dei, li ppreżenta kopja tal-*file* mediku tal-attur[8], minn fejn jirriżultaw l-interventi u l-kura kollha li ħtieġlu jgħaddi minnhom l-attur konsegwenza tal-imsemmi inċident.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017 xehed **Mr Antoine Zrinzo**[9], *consultant neurosurgeon* fl-Isptar Mater Dei, li qal li meta l-attur daħal l-Isptar dan kien qiegħed isofri minn sturdament u wġigħ wara l-waqgħa li kellu, u mit-testijiet li sarulu, kien irriżulta li dan kellu frattura fil-parti tar-ras li mir-ras tgħaddi għal ġos-sinsla, akkumpanjata minn emorroġija. Ix-xhud qal li fis-sigħat wara li ddaħħal l-Isptar, il-kundizzjoni tal-attur bdiet tiddeterjora, tant li ddaħħal fl-

[7] *A fol.* 67 tal-proċess.
[8] *A fol.* 74 tal-proċess. Il-*file* mediku jinsab f'*fol.* 75 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol*. 466 tal-proċess.

ITU. Ix-xhud qal li l-attur kellu bżonn intervent sabiex jiġi evitat li ssir ħsara fuq il-kordi vokali, u wara ftit taż-żmien beda jaqleb għall-aħjar, tant li ġie rilaxxjat mill-Isptar fit-2 ta' Settembru, 2013. Kompla jgħid li xi ġimgħat wara kien hu stess li nvistah fl-*Outpatients,* fejn l-attur ippreżenta ruħu b'għadd ta' sintomi, fosthom sturdament, tisfir f'widnejh, tnemnim u wġigħ fis-swaba', uġigħ ta' ras u sensazzjoni ta' ħruq f'partijiet tar-ras, u *sleep wake rhythm.* Ix-xhud qal li l-mara tal-attur kienet qalet li dan kellu tibdiliet fil-personalità tiegħu:

> "... il-mara tiegħu kienet innutat li kellu *change in personality* li taqbel perfettament mat-tip ta' *injuries* li kellu għax kellu dawn it-tbenġiliet fil-*frontal lobes* li fil-fatt jagħti l-karattru lill-bniedem."

Fl-istess udjenza xehed **Dr Anton Grech**[10], li qal li huwa jaħdem bħala psikjatra fl-Isptar Monte Carmeli, u li huwa ċ-*Chairman* tal-*Mental Health Services.* Ikkonferma li huwa kien ra lill-attur l-ewwel darba fid-9 ta' Lulju, 2015, u dan wara li l-attur kellu inċident li fih waqa' u ġiet affettwata l-parti tal-moħħ imsejħa *frontal lobe.* Qal li waħda mis-sintomi li jippreżenta ruħu bih persuna li jkollu din it-tip ta' trawma, huwa n-nuqqas ta' ħeġġa u apatija, u sintomi ta' dipressjoni.

Xehdet ukoll **Dr Kristina Vella**[11], li qalet li hi *neuropsychologist* u *clinical psychologist,* u li wkoll kienet eżaminat lill-attur. Qalet li l-attur ġie riferut għal *neuropsychological assessment* wara l-inċident li kellu:

> "Għamiltlu l-ewwel darba *assessment* tal-*overall communicative ability* tiegħu u *executive functioning* li huma affarijiet li s-soltu jiġu affettwati wara *injury,* imbagħad erġajt rajtu imma kien hemm qisu *deterioration* u kelli nagħmel *assessment* aktar bażiku ..."

[10] *A fol.* 469 tal-proċess.
[11] *A fol.* 472 tal-proċess.

Ix-xhud qalet li l-ewwel darba li rat lill-attur kien hemm problemi manifesti fl-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, bl-ikel, bl-irqad, bil-burdata, il-personalità, il-livell ta' dipendenza. Qalet li l-attur baqa' jsofri minn diżabilità inviżibbli, minħabba li kull aspett ta' ħajtu ġie affettwat u għalhekk stabbiliet li huwa baqa' jsofri minn debilità permanenti ta' 70% mil-lat psikoloġiku.[12]

Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 xehed **Dr Michael Spiteri**[13], li kien invista lill-attur meta dan iddaħħal l-Isptar wara l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li mill-investigazzjonijiet li saru fuq l-attur, kien ġie stabbilit li dan kien inġabarlu d-demm f'moħħu, u li kellu ukoll ksur fir-ras li kien jestendi min-naħa t'isfel tar-ras għall-parti ta' wara. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li meta l-attur iddaħħal l-Isptar kien risponsiv, fil-ġranet ta' wara dan beda jiddeterjora, u kien għalhekk li hu ġie riferut għat-Taqsima tal-Kura Intensiva fejn kien inżamm sakemm ġie rilaxxjat f'Settembru tal-istess sena.

Fl-istess udjenza xehed **PS 22 Antoine Sciberras**[14], li qal li l-konvenut kien ta stqarrija fil-preżenza tiegħu fir-rigward ta' dan l-inċident. Xehed ukoll il-**PS 539 Fabian Caruana**[15] li qal li dakinhar tal-inċident hu kien xogħol ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi, meta l-Pulizija ġiet mgħarrfa li kien hemm inċident fl-impjant ta' Polidano Group li jinsab fil-limiti ta' Ħal Farruġ. Qal li meta l-pulizija waslu fuq il-post, kien hemm ċertu Michael Axiaq li kkonferma li kien preżenti fil-ħin li l-konvenut beda jargumenta mal-attur. Qal li dan ix-xhud ma kienx jaf ir-raġuni għaliex Micallef u Balzan kienu tlewmu, għalkemm ikkonferma li Balzan ta

[12] Fi kliem ix-xhud "Id-diżabilità li sofra Mr. Micallef hija inviżibbli, jiġifieri mhux ħa tħares lejh u taraha fil-fiżika imma meta tieħu *in consideration* li kull aspett ta' ħajtu ġie affettwat, kemm fil-ħsieb, kemm fil-burdata, l-apatija, u l-kwalità ta' ħajtu ġiet affettwata 70% *from a psychological perspective."*

[13] *A fol.* 479 tal-proċess.

[14] *A fol.* 481 tal-proċess.

[15] *A fol.* 483 tal-proċess.

daqqa biċ-ċatt ġo għonq Vincenzo Micallef u dan tal-aħħar waqa' lura u ħabat rasu mal-art. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li hekk kif iddaħħal l-Isptar l-attur kien f'qagħda stabbli, aktar tard il-kundizzjoni tiegħu bdiet tiddeterjora tant li ġie ttrasferit għat-Taqsima tal-Kura Intensiva, u għal xi ħin kien anki fil-periklu li jitlef ħajtu. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tar-rapport li kien sar wara l-inċident.[16]

Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017 xehed **Michael Axiak**[17], *foreman* ma' Polidano Brothers, li qal li dak li jiftakar mill-inċident li fih safa mweġġa' l-attur hu li Leonard Balzan ta daqqa lil Vincenzo Micallef f'għonqu, u dan tal-aħħar waqa' mal-art.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **David Pace**[18] li qal li kien preżenti fil-ħin tal-inċident, u waqt li kien qiegħed jitkellem mal-imgħallem tiegħu, sema' argument bejn il-partijiet fil-kawża. Qal li hu sema' lil Micallef jgħid lil Balzan li huwa 'egoist', u ftit wara Balzan dar u tah daqqa ġo wiċċu. Ix-xhud qal li kull ma jaf hu li Micallef waqa' mal-art u għal xi ħin kellu d-demm nieżel minn rasu.

Fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 xehed l-**ex-Spettur Joseph Agius**[19], li qal li mill-investigazzjoni kien irriżulta li Balzan kien ammetta li mbotta lill-attur, għalkemm qal li ma kellux l-intenzjoni li jweġġgħu. Ix-xhud qal li l-partijiet fil-kawża tlewmu u l-konvenut imbotta lill-attur, għalkemm żied jgħid li fl-art kien hemm diżlivell u għalhekk jista' jkun li meta l-attur safa mbuttat, id-diżlivell

---

[16] *A fol.* 486 tal-proċess.
[17] *A fol.* 493 tal-proċess.
[18] *A fol.* 494 tal-proċess.
[19] *A fol.* 498 tal-proċess.

għamel tiegħu. Ix-xhud esebixxa kopja tal-istqarrija li l-konvenut kien ta lill-Pulizija wara dan l-inċident, fejn kien qal:

> "Naf li argumentajna fuq xogħol, huwa ġie jżommli jdejja u jien tajtu daqqa biċ-ċatt u waqa' għal dahru. Ma naf xejn iżjed. Jiena tlaqt għax m'għandix kuraġġ narah imweġġa'. Aħna qatt m'argumentajna u dan kien l-ewwel argument ta' bejnietna. Jien ma kelli l-ebda intenzjoni li nweġġgħu."

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Dr Elizabeth Quintano,** Assistent Reġistratur fil-Qrati, Tribunali u Kriminali[20], li ppreżentat kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Leonardo Balzan**, flimkien ma' kopja tad-deċiżjoni tal-Appell, li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih fil-proċeduri kriminali.

Il-konvenut **Leonardo Balzan** fl-*affidavit* tiegħu[21] qal li hu u l-attur kienu jaħdmu flimkien fil-qasam tal-kostruzzjoni ġewwa l-impjant ta' Polidano Brothers. Qal li hu u l-attur qatt ma kellhom problemi bejniethom, u spiss kienu jaħdmu flimkien. Il-konvenut qal li dakinhar tal-inċident hu kellu argument mal-*foreman* Michael Axiak, minħabba nuqqas ta' qbil dwar kif kellu jsir ix-xogħol f'sit ta' kostruzzjoni partikolari, meta f'ħin minnhom u mingħajr ma kien parti minn din il-konversazzjoni, l-attur kien għajjar lill-konvenut 'egoist'. Il-konvenut qal li din il-kelma ma ntqalitx darba, iżda madwar tliet darbiet wara xulxin. Qal li hu deherlu li l-attur ma kellux jindaħal bejnu u bejn il-*foreman,* u lanqas ma kellu jkellmu b'dak il-mod quddiem is-superjuri tiegħu u quddiem il-ħaddiema l-oħra. Il-konvenut qal li hu qatt m'aġixxa b'mod li

[20] *A fol.* 509 tal-proċess.
[21] *A fol.* 526 tal-proċess.

ħaseb għal rasu, u għalhekk deherlu li ma kellux jiġi mgħajjar 'egoist', u għalhekk b'din il-kelma ħassu mżeblah u urtat. Kompla jgħid li kien proprju biex isikket lill-attur li tah daqqa ta' ħarta fuq ħaddejh, bir-riżultat li dan tilef il-bilanċ, waqa' u ħabat rasu mal-art. Il-konvenut qal li d-daqqa li tah ma kinitx waħda kbira, għaliex l-intenzjoni tiegħu kienet li jwaqqaf lill-attur milli jkompli jgħid ċertu diskors quddiem in-nies. Kompla jgħid li hekk kif induna li l-attur kien waqa' mal-art, hu resaq minn fuq il-post u wara ftit sar jaf li l-attur kien ittieħed l-Isptar.

Il-konvenut allega li l-uġigħ u d-debilitajiet kollha li semma' li qiegħed isofri minnhom l-attur, ma setax ikun li kienu riżultat tal-inċident li seħħ fl-2013. Il-konvenut qal li madwar sena qabel seħħ l-inċident inkwistjoni, l-attur kellu inċident ieħor meta waqa' minn fuq ir-raff tal-garaxx tiegħu u anki qata' jdejh biċ-*chaser,* tant li kien għamel xi żmien rikoverat fl-Isptar. Żied li l-attur kien għadu jaħdem minkejja li kien pensjonant, u mhux minnu li dan l-inċident affettwalu l-ħajja tiegħu ta' kuljum, minħabba li iben il-konvenut kien iltaqa' mal-attur jagħmel xi qadi u jagħmel il-bżonnijiet tiegħu ta' kuljum, bħal isuq il-karozza bl-aktar mod normali. Il-konvenut ikkonkluda billi qal li hu la kellu intenzjoni li jagħmel ħsara u lanqas deni lill-attur. Kulma ried jagħmel kien li jwaqqfu milli jkompli jgħajru 'egoist'.

Fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2018 xehed **Pasquale Balzan**[22], iben il-konvenut, li qal li huwa sar jaf lill-attur wara l-inċident, u li kien hemm drabi meta rah fit-triq, tant li ġieli ħadlu xi ritratti.[23] Ix-xhud esebixxa għadd ta' ritratti li hu ġibed bħala konferma tal-fatt li l-attur baqa' jgħix ħajtu b'mod normali wara l-

[22] *A fol.* 530 tal-proċess.
[23] *A fol.* 537 *et seq* tal-proċess.

inċident. Ix-xhud, li qal li hu *Speech and Language Podologist* fl-Isptar Karen Grech, spjega li parti minn xogħlu tinvolvi l-evalwazzjoni tad-diffikultajiet ta' nies li jkollhom puplesija jew problemi f'moħħhom. Kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu persuna li jkollha diżabilità ta' sebgħin fil-mija, ma tkunx kapaċi tagħmel l-affarijiet li hu lemaħ lill-attur jagħmel, bħas-sewqan.

Fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2018 xehed **John Mary Balzan**[24], ħu l-konvenut, li qal li hu jaf lill-attur minħabba li hu wkoll kien jagħmel xi xogħol fl-impjant ta' Polidano Group. Ix-xhud qal li wara l-inċident hu kien ra lill-attur isuq il-vettura tiegħu, tant li kien hemm drabi meta rah f'Ħal Kirkop, ir-raħal fejn jgħixu l-konvenut u niesu, u fejn inzerta joqgħod ukoll iben l-attur.

Fl-udjenza tas-6 ta' April, 2018 il-Qorti ħatret lil **Dr Anthony Galea Debono**, *consultant neurologist,* bħala espert sabiex wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident mertu tal-kawża fuq l-istat ta' saħħtu u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur[25], li qal li l-konvenut kien jaħdem bil-magni u jpoġġi l-planki f'siti tal-kostruzzjoni fuq barra. L-attur qal li sa fejn jaf hu, ma kien kellem lil ħadd qabel ma qala' d-daqqa, għalkemm qal ukoll li hu d-daqqa ma jafx min tahielu, għaliex hu mill-ewwel intilef minn sensih. Mistoqsi hux minnu li huwa għajjar lill-konvenut 'egoist', l-attur qal li ma jidhirlux li hu qal xi diskors f'dak is-sens. L-attur ikkonferma li f'dik il-parti tal-impjant fejn seħħ l-inċident ikun hemm ħafna ċamura, għalkemm ma setax jikkonferma li l-inċident seħħ f'parti tal-impjant

[24] *A fol.* 549 tal-proċess.
[25] *A fol.* 566 tal-proċess.

fejn hemm tarġa. Qal ukoll li wara l-inċident l-enerġija tiegħu naqset, u sabha diffiċli jaċċetta li m'għadux jaħdem.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr Galea Debono ppreżenta r-rapport tiegħu fit-23 ta' April, 2018[26], fejn qal li l-attur għadu jsofri minn nuqqas ta' irqad, minn bidliet fil-personalità tiegħu, minn telf fil-memorja kif ukoll minn indifferenza. In vista ta' dak li seta' jikkonstata l-espert mediku, ġie stabbilit li m'hemmx dubju li l-attur sofra minn *traumatic brain injury.* Qal li minkejja li l-kundizzjoni ta' saħħet l-attur tjiebet minn meta ħareġ mill-Isptar, is-sintomi tiegħu ilhom l-istess għal madwar sentejn, u m'hemmx tama li dawn jistgħu jinbidlu għall-aħjar fil-futur. L-espert mediku kkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn forma moderata ta' bradipsikija relattiva, memorja batuta, disturbi fl-umur u effetti fuq ir-relazzjonijiet soċjali u familjari, sabiex b'hekk id-debilità permanenti li qiegħed isofri minnha hija ta' 25%.

Fl-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018 tkompla l-kontroeżami tal-attur[27], li qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed jiftaħ il-bieba tat-trakk meta qala' d-daqqa. Mistoqsi jekk fil-ġimagħtejn ta' qabel l-udjenza, hu kienx saq sa Ħal Kirkop, l-attur wieġeb li ma jiftakarx. Hu kkonferma li jista' jsuq il-karozza, anki jekk ma jagħmilx dan b'mod frekwenti.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Rose Micallef, mart l-attur[28], li qalet li r-raġel tagħha nbidel minn kif kien qabel l-inċident, tant li fejn qabel kien il-ħin kollu jaħdem u jara x'se jagħmel, issa lanqas jgħin lil uliedu f'garaxx li għandhom bejniethom m'għadu jmur. Qalet li jqatta' ġranet fis-sodda, jara t-television bis-*sound* magħluq, u anki l-kumpanija tat-tfal u tan-neputijiet

[26] *A fol.* 582 tal-proċess.
[27] *A fol.* 588 tal-proċess.
[28] *A fol.* 593 tal-proċess.

iddejqu. Ix-xhud qalet li biex jagħmlilha l-qadi, lir-raġel tagħtih lista. Ix-xhud ikkonfermat li minkejja li m'hemm xejn li jimpedixxi lill-attur milli jagħmel ċertu attivitajiet, wara l-inċident naqsitlu ħafna l-ħeġġa u hemm affarijiet li m'għadux interessat li jagħmel bħalma kien qabel.

Il-konvenut fis-27 ta' Lulju, 2018 ippreżenta nota b'sensiela ta' domandi għall-eskussjoni tal-espert mediku maħtur mill-Qorti, liema domandi kienu intiżi biex jindirizzaw l-adegwatezza tat-testijiet kliniċi li ġew użati, il-limitazzjonijiet tal-proċess kliniku, u l-allegata natura kontradittorja tar-riżultat ippreżentat mill-esperti mediċi, fid-dawl tal-funzjonament attwali tal-attur.[29] Fir-risposti tiegħu Dr Galea Debono qal[30] li r-riżultati tas-*CT scans* u l-*MRIs* li kkonsulta magħhom hu, jikkostitwixxu stati ta' fatt li jikkonfermaw li l-attur ġarrab korriment f'rasu u b'hekk sofra *bilateral frontal lobe infarction.* L-espert mediku kkonferma li dak li qalulu l-attur u martu jikkombaċja ħafna mat-tip ta' inċident li kellu l-attur, u li għalhekk sab li dak li qalulu kien kredibbli.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018 xehdet Dr Kristina Vella in kontroeżami[31], li kkonfermat li qabel ħejjiet ir-rapport tagħha dwar l-istat tal-attur, hi kienet eżaminatu darbtejn, u fost testijiet li għamlitlu kien hemm dak relatat mal-*cognitive performance,* dwar l-attenzjoni, il-konċentrazzjoni, il-memorja u l-funzjonament eżekuttiv ta' persuna. Ix-xhud ikkonfermat li t-testijiet li hi wettqet fuq l-attur huma standard f'dan il-qasam, u ma jintużawx hawn Malta biss. Qalet ukoll li minkejja li t-testijiet kollha għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom, hi applikat ukoll l-osservazzjonijiet tagħha waqt l-intervisti li saru mal-attur u mal-familjari tiegħu. Ix-xhud qalet li mill-konstatazzjonijiet tagħha,

[29] *A fol.* 602 tal-proċess.
[30] *A fol.* 616 tal-proċess.
[31] *A fol.* 622 tal-proċess.

hi stabbiliet li l-attur qiegħed isofri minn *disexecutive disorder,* minħabba li fl-inċident ġiet affettwata l-parti ta' quddiem tal-moħħ, li hi relatata mal-personalità, l-ħeġġa, l-abilità li wieħed jippjana, u meta tkellmet mal-attur hi setgħet tistabbilixxi li dawn kollha kienu ġew affettwati. Hi qalet li l-attur qiegħed isofri minn apatija kbira, meta jiġi biex jippjana, jitħawwad, u li dan kollu huwa konsegwenza tad-daqqa li qala' f'rasu. Ix-xhud qalet li anki jekk l-attur jagħmel ċertu attivitajiet bħas-sewqan, "jagħmilhom bi tbatija, mhux b'volition, minn jeddu u għandu ħafna għajnuna mill-mara tiegħu." Ix-xhud qalet li t-test tal-*mini mental state* mhuwiex test li jindika persuna għandhiex tibqa' ssuq jew le.

Mistoqsija dwar id-diskrepanza bejn il-konklużjoni milħuqa minnha li l-attur sofra debilità permanenti ta' 70%, u dik milħuqa mill-espert tal-Qorti li l-attur sofra debilità permanenti ta' 25%, ix-xhud wieġbet li hi taħdem bħala *clinical psychologist,* fejn eżaminat l-affarijiet emozzjonali u l-funzjonijiet ta' kuljum tal-attur, filwaqt li l-espert mediku hu neurologu li evalwa l-aspetti fiżiċi. Qalet li biex waslet għall-konklużjonijiet tagħha, hi għamlet użu mill-*European Disability Guidelines,* u waslet għall-konklużjonijiet tagħha abbażi ta' dak li ġie kkonstatat minnha.

## Konsiderazzjonijiet legali

F'kawżi ta' din ix-xorta l-Qorti jeħtiġilha tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok hemmx responsabbilità da parti tal-konvenut għall-akkadut, u f'każ li jinstab li dan għandu jinżamm responsabbli għall-ġrieħi u d-danni sofferti mill-attur, il-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni. Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba quddiemha, minn fejn jirriżulta li l-attur mhux ċert eżattament kif ġrat

id-dinamika tal-inċident, tant hu hekk lanqas jaf min kienet il-persuna li tatu d-daqqa li konsegwenza tagħha hu spiċċa mal-art, bħalma lanqas ma jaf jekk hu qalx xi ħaġa li wasslet biex il-konvenut jirreaġixxi bil-mod kif irreaġixxa. Madanakollu fuq il-post fejn seħħ l-inċident kien hemm għadd ta' xhieda okulari, fosthom il-*foreman* Michael Axiaq, u persuni oħra, li lkoll ikkonfermaw li l-kawża għalfejn l-attur waqa' kienet id-daqqa li qala' mingħand il-konvenut, u għalhekk il-Qorti ma fadlilhiex wisq x'tistħarreġ f'dan ir-rigward, minħabba li ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi f'din l-istanza, li hemm ness bejn l-azzjoni tal-konvenut u l-waqgħa u l-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur, u għalhekk huwa l-konvenut li għandu jinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech *vs.* Emmanuel Ellul proprio et nomine**[32], intqal illi:

> "Sabiex ikun hemm lok għad-danni irid ikun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża."

Kienet id-daqqa li l-konvenut ta lill-attur li wasslet biex dan baqa' jsofri minn debilità permanenti, kif ikkonstataw kemm Dr Kristina Vella, psikoterapista li kienet teżamina lill-attur b'mod frekwenti, kif ukoll l-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr Anthony Galea Debono, li t-tnejn li huma kkonstataw li l-attur sofra minn tibdil fil-personalità tiegħu, fl-istil tal-ħajja li jgħix, tibdil fil-mod kif jirrelata mal-oħrajn, partikolarment mal-membri tal-familja tiegħu, u dan kollu bħala riżultat dirett tad-daqqa li qala'. Min-naħa tiegħu l-konvenut anki sabiex jipprova jimmitiga l-grad ta' responsabbilità li jrid iġorr għall-konsegwenzi li nqalgħu minħabba l-aġir tiegħu, allega li fil-mumenti ta' qabel ma huwa ta d-daqqa lill-attur, dan kien għajru 'egoist', u hu kien ħassu offiż u urtat b'dak il-

[32] P.A., 27.06.1995.

kumment. Madanakollu f'dan ir-rigward fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna nsibu l-insenjament li ġej:

> "min jikkaġuna danni fi ġlieda ma jistax jinvoka, b'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni ... jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess jew jekk il-fatti juru li hu kien qiegħed jaġixxi minħabba xi riżentiment li kellu minn qabel versu l-parti l-oħra. U kieku stess min ikkaġuna d-danni ikkaġunahom waqt li kien qiegħed jirreaġixxi, l-iskużanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata."[33]

Il-Qorti hi tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova l-konnessjoni bejn il-fatt kolpuż da parti tal-konvenut u l-konsegwenza dannuża *ai termini* tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan billi anki jekk stess safa mgħajjar, il-konvenut ma messu qatt irreaġixxa għal kumment bħal dak, billi jerfa' idu, speċjalment minħabba li l-konsegwenzi setgħu kienu ferm agħar, tant li l-attur għal xi żmien kien anki f'periklu li jitlef ħajtu.

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għad-danni sofferti mill-attur, jifdal li din il-Qorti tgħaddi biex tillikwida dawn id-danni. Mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti, jirriżulta li l-attur qiegħed jippretendi danni kemm bħala *damnum emergens* jew telf ta' qligħ materjali soffert minnu, kif ukoll bħala *lucrum cessans* ċjoé telf ta' qligħ futur.

*Damnum emergens:*

*A fol.* 32 sa 46 tal-proċess ġew esebiti għadd ta' irċevuti ta' spejjeż għal xiri minn spiżeriji, ħlasijiet lil tobba u speċjalisti kuranti tal-attur, kif ukoll irċevuti b'rabta ma' spejjeż legali li l-attur qiegħed jippretendi li jirkupra bis-saħħa ta'

[33] **Gauci *vs.* Gauci**, Appell, 30.11.1956.

din l-azzjoni, u li komplessivament jammontaw għal elfejn, seba' mija u sitta u ħamsin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€2,756.17).

*Lucrum cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[34], intqal:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[35], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'dan il-każ jirriżulta li l-attur, minkejja li diġà kien laħaq l-età tal-pensjoni u kellu anki dħul minn pensjoni fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, kien fl-istess ħin jaħdem fuq bażi *part-time,* u kien għadu attiv tant li kien jgħin lill-mara tiegħu,

[34] P.A., 18.02.2013.
[35] P.A., 27.04.2005.

jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ fid-dar, jgħin lil uliedu f'garaxx li dawn għandhom bejniethom, u jżomm ruħu attiv b'mod ġenerali. Mhux l-istess però wara li seħħ l-inċident, meta l-attur bħal donnu tilef il-ħeġġa li jagħmel dak kollu li kien jinteressah qabel, tant li kif xehdet il-mara tiegħu stess, dan ma baqax imur ix-xogħol, sar jaqta' qalbu minn kollox, f'każ li jkollu bżonn jgħin lill-mara, irid imur b'lista f'idu, u jrid jiġi mbuttat anki biex jagħmel l-aktar affarijiet bażiċi fil-ħajja, bħal jinħasel u jqum mis-sodda.

Mill-kopji tal-FS3s esebiti għas-snin immedjatament ta' qabel seħħ l-inċident, jirriżulta li l-attur kellu ħlas ferm baxx mill-impjieg li hu kien jagħmel ma' Polidano Brothers, tant li fis-sena 2012 id-dħul totali li l-attur kellu minn dan l-impjieg kien ta' €1,214.25. Għalhekk il-Qorti tqis li sabiex tasal għat-telf ta' qligħ futur li sofra l-attur, m'għandiex tibbaża ruħha fuq l-FS3s esebiti minnu, iżda għandha tuża l-kriterju tal-paga minima nazzjonali, u dan minħabba li mill-provi jirriżulta li l-attur xejn ma kien jaqta' qalbu minn dak li jagħmel, lanqas fid-dar, kien jagħmel xogħol ieħor li forsi mhux bilfors kien ikun hemm ħlas għalih, bħall-għajnuna li kien jagħti lil uliedu u lil martu, filwaqt li kif xehdet martu stess, fid-dar issa spiċċaw f'sitwazzjoni fejn iridu jħallsu għad-diversi ħtiġijiet li jinqalgħulhom.

F'sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Micallef et *vs.* Richard Spiteri et**[36], intqal illi:

> "Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinunzjaw għall-fakoltà diskrezzjonali tagħhom ... diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati f'Butler vs Heard."

[36] Q.A., 15.01.2002.

F'sentenza oħra fl-ismijiet **Francis Sultana *vs.* John Micallef et noe**[37], il-Qorti qalet:

> "Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja li ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċerta elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà."

Il-ġurisprudenza lokali evolviet b'tali mod li l-*lucrum cessans* jiġi likwidat anki f'dawk il-każijiet fejn ma jkunx hemm telf ta' qligħ, bħalma hu, pereżempju, il-każ ta' mara tad-dar, jew ta' persuna li tkun ilha snin bil-pensjoni, iżda iċ-ċirkostanzi tal-ħajja wara li jseħħ inċident mertu tal-kawża jwassluha biex tinkorri spejjeż minħabba fid-debilità permanenti sofferta, u li effettivament iwasslu għal telf ta' qligħ futur minħabba f'xogħol li dik il-persuna ma tkunx tista' twettaq aktar u ma tkunx tista' tkompli b'ħajjitha bil-mod kif kienet tagħmel qabel. F'sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea et *vs.* Charles Fenech proprio et nomine et**[38], il-Qorti kkonkludiet illi:

> "Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li l-kumpens għal diżabilità permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha."

F'sentenza fl-ismijiet **Suzanne Davis et *vs.* Anthony Galea**[39], il-Qorti qalet:

> "Il-maġġior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' diżabilità mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilità hijiex verament sejra tikkawża telf futur."

[37] Q.A., 20.07.1994.
[38] P.A., 16.03.2004.
[39] P.A., 10.10.1997.

L-istess kien intqal f'sentenza fl-ismijiet **Joseph Caruana *vs.* Joseph Gafa**[40]:

> "Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwità jimponu teorija li tesiġi li kull tip ta' diżabilità permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha."

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr Anthony Galea Debono kkonstata li l-attur sofra minn debilità permanenti ta' 25%, u l-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn hija m'għandhiex tagħmel tagħha din il-konklużjoni dwar il-grad tad-debilità permanenti sofferta mill-attur, tenut kont tal-fatt li l-partijiet f'dawn il-proċeduri ma talbux il-ħatra ta' esperti mediċi addizzjonali, għalkemm lil Dr Galea Debono sarulu għadd ta' domandi in eskussjoni li hu għaraf iwieġeb b'mod konvinċenti.

F'kawża pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[41], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija '**Michael Butler vs Peter Christopher Heard**' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża '**Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard**, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm

[40] P.A., 29.05.1998.

[41] P.A., 25.02.2016.

ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**<u>Francis Sultana vs John Micallef et noe et</u>**, Appell, 20.07.1994)."

Element diskrezzjonali u li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta, huwa l-element tal-*multiplier,* li fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et noe *vs.* Carmelo Pace**[42] ġie spjegat illi:

"In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life.'

...

Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji."

Fi snin aktar riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu, u skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għal persuni li qabżu l-età ta' sitta u ħamsin sena, il-*multiplier* għandu jkun ta' 5 jew anqas. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-*multiplier* ta' 5 huwa wieħed adegwat għall-każ in eżami.

[42] Q.A., 05.03.1986.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Din il-kawża ġiet imressqa lejn l-aħħar tas-sena 2016, u ser tingħata deċiżjoni ftit aktar minn sentejn wara li nfetħet il-kawża għad-danni, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Jirriżulta li l-paga minima nazzjonali fis-sena 2013, is-sena li fiha seħħ l-inċident, kienet ta' €8,433.88.[43] Il-paga minima nazzjonali ta' €8,433.88 x *multiplier* ta' 5, x 25% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €10,542.35, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €8,433.88 li magħduda mad-danni attwali *(damnum emergens)* sofferti mill-attur ta' €2,756.17, jammontaw b'kollox għal **<u>€11,190.05</u>**.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

[43] L.S. 452.71.

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara li l-inċident mertu tal-kawża seħħ unikament responsabilità tal-konvenut;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża fis-somma ta' ħdax-il elef, mija u disgħin Euro u ħames ċenteżmi (€11,190.05);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenut.**

Moqrija.